# Il-Kappillan Żurrieqi Dun Stiefnu Zammit D.D. (1833-1892)



Nhar il-25 ta' Settembru ta' din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-Kappillan Żurrieqi Dun Stiefnu Zammit (Ta' Kanġantu). Dun Stiefnu twieled nhar is-7 ta' Awissu 1833, bin Giuseppe u Crocifissa Zerafa, u ġie mgħammed dak in-nhar stess mill-Kappillan Dun Carlo de Giovanni Inglott. Dun Stiefnu kien ġej minn familja antika Żurrieqija li matul iż-żminijiet tat numru kbir ta' saċerdoti lill-Knisja taż-Żurrieq. Fosthom insemmu lil Dun Salvatore Zammit (1788-1854) li kien Kappillan ta' ' Ħ'Attard u tan-Naxxar, kif ukoll Kanoniku Penitenzier tal-Kattidral ta' l-Imdina. Mill-familja Zammit ħarġu wkoll il-prokuratur Dun Giuseppe Zammit Psaila u l-benefattur Dun Giuseppe Zammit Falzon. Dun Stiefnu kien illawrjat bid-dottorat fi-Teoloġija, u kien ġie ordnat saċerdot mill-isqof Mons. Sant fl-1856.

Nhar il-5 t'April 1881, fl-età ta' 47 sena, Dun Stiefnu kien resaq għal konkors ta' Kappillan taż-Żurrieq wara li fl-14 ta' Marzu ta' dik is-sena l-Parroċċa kienet ġiet vakata bir-renunzja tal-Kappillan Dun Vinċenz Schembri. Dun Stiefnu però kien ġa ilu vigarju-kurat ta' Schembri sa mill-1877; u kien serva wkoll bħala viċi-parroku taħt dak il-Kappillan. Dun Stiefnu kien ġie l-ewwel fost il-konkorrenti, u d-digriet tal-ħatra tiegħu bħala Kappillan taż-Żurrieq kien ħareġ nhar is-6 t'April 1881 fuq il-firma ta' l-Isqof Mons. Carmelo Scicluna. Tnax il-ġurnata wara, fit-18 t'April 1881, Dun Stiefnu ġie mogħti l-investitura u l-pussess fuq il-Parroċċa taż-Żurrieq minn idejn il-Vigarju Ġenerali il-Kanoniku Goffredo Scerri.

Dun Stiefnu mexxa' ż-Żurrieq għal disa' snin sa l-1890, meta minħabba l-mard u s-saħħa dgħajfa tiegħu kellu jirrenunzja minn Kappillan taż-Żurrieq b'att notarili tas-27 ta' Ġunju 1890 u li kien sar fiż-Żurrieq stess quddiem in-nutar Giuseppe Rossi. Il-Parroċċa allura għaddiet f'idejn il-viċi-parroku Dun Ġwann Sultana bħala Vigarju-Kurat sakemm ħa l-pussess il-Kappillan il-ġdid Dun Manwel Mifsud. Dun Stiefnu Zammit miet sentejn wara, fil-25 ta' Settembru 1892 u ġie midfun l-għada fil-Knisja taż-Żurrieq, fil-qabar tal-familja ftit l-isfel mit-taraġ tal-presbiterju. Dun Stiefnu kien it-tieni Kappillan Żurrieqi wara Dun Matteolo Saliba. Hu għen bi flusu biex inbena l-Oratorju u l-imħażen tal-knisja (1882-1891) u kellu x-xorti wkoll jarahom inawgurati mill-Vigarju Mons. Mercieca nhar it-12 ta' Mejju 1891. Dun Stiefnu kien ukoll prokuratur ħabrieki (1863-1887) u baqa' jamministra l-prokura anke meta kien Kappillan. Matul l-amministrazzjoni tiegħu, hu ħabrek kemm felaħ biex il-Knisja taż-Żurrieq takkwista wħud mill-isbaħ opri tagħha. Fost dawn insemmu biss l-opri

li joħorġu fil-festa ta' Santa Katarina bħalma huma l-ventaltar, it-terħa, u s-sopra-terħa tal-maġġur, il-gandlieri l-kbar tal-fidda, it-tużell u l-kannipew tat-tabernaklu, l-ostensorju l-qadim tar-relikwija, u l-gastri ta' l-alabastru ta' l-altari kollha. Illum kwadru-ritratt maħdum minn Giuseppe Calì jfakkar liż-Żrieraq f'dan il-Kappillan ħabrieki. Dun Stiefnu kien ġie mfakkar fil-Knisja taż-Żurrieq f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu (1942). Huwa xieraq għalhekk li llum, f'għeluq l-ewwel ċentinarju ta' mewtu, aħna wkoll insellmu u nfakkru lil dan il-Kappillan bin ir-raħal.



**Il-Board Editorjali jappella liż-Żrieraq biex iqiegħdu xbihat ta' Santa Katarina mal-faċċata tad-dar, matul il-jiem tal-Festa.**

**VIVA SANTA KATARINA VERĠNI U MARTRI PATRUNA TITULARI TAŻ-ŻURRIEQ**